**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 709/97

Edward Caruana

vs

Chairman, Malta Development Corporation

Illum 14 ta' Mejju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1988/1989 huwa sofra ingustizzja f'li nghata transfers vendikattivi u ghall-habta ta' Settembru 1990 ma nghatax il-promozzjoni ghall-grad ta' Quantity Surveyor.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi huwa ilu jahdem mal-Korporazzjoni ta' l-Izvilupp mill-1986 fil-grad ta' Technical Officer 1 imma jahdem bhala Quantity Surveyor.

Illi huwa qabel Mejju 1987 kien responsabbli mill-progetti tal-bini ta' fabbriki dejjem taht is-supervizjoni tal-Perit M.E. Galea. Illi huwa dejjem ghamel ix-xoghol tieghu bl-akbar abilita efficjenza u lejalta` u qatt ma kellu rapporti hziena kontra tieghu, imma dejjem kien hemm kliem ta' tifhir dwar ix-xoghol li jaghmel mis-superjuri tieghu.

Illi wara l-Elezzjoni ta' Mejju 1987 huwa kien gie sospiz mix-xoghol ghal xahar, sakemm saru xi investigazzjonijiet dwar tender. Illi ghalkemm ir-rizultat ta' l-Investigazzjoni ma sab xejn hazin dwar ix-xoghol lil kien ghamel ir-rikorrent, huwa xorta wahda beda jigi trattat hazin hafna. Illi l-ewwel kien thalla ghall-perjodu twil ma jinghata xejn xoghol. Illi wara pressjoni mir-rikorrent stess biex huwa jinghata x-xoghol huwa kien gie ordnat li jrid imur jahdem kuljum gewwa Ghawdex. Illi huwa dam ghall madwar 8 xhur jaghmel skarigg bla bzonn billi kellu jmur kuljum Ghawdex, ghal xejn ghax-xoghol xorta wahda ma kienx qieghed jinghata lanqas gewwa Ghawdex. Illi r-rikorrent hass li kienet qieghda ssir ingustizzja mieghu b'dan it-trattament hazin mill-management tal-MDC.

Illi donnu dan l-atteggjament mill-Management ta' l-MDC kien ghadu mhux bizzejjed ghax kien baghat ghalih il-General Manager u kien tah ordni biex barra li jrid jibqa' jmur Ghawdex irid ukoll imur Hal Far fil-fabbrika AMS ghall-darbtejn fil-gimgha fejn ukoll

ma kienx qiegħed jagħmel xogħol ta' Quantity Surveyor. Fil-fatt wara xahrejn rega' ngħata ordni biex ma jibqax imur Ħal Far imma jmur kuljum Għawdex.

Illi f'Novembru 1989 mhux fuq talba tar-rikorrent, kien ingħata secondment għall-Ufficcju tal-Local Manufacturers Promotions Board fuq xogħol li m'għandu xejn x'jaqsam la mas-sengħa tiegħu u l-anqas max-xogħol li dejjem kien jagħmel ma' MDC. Huwa fil-fatt kien jintbagħat jiccekkja xi prezzijiet tal-Levy.

Illi f'Settembru 1990 kienet ħarget sejħa għall-mili ta' postijiet fil-grad ta' Quantity Surveyor. Illi r-rikorrent applika u kien mitlub biex jattendi għall-ezami. Illi huwa għalkemm kellu l-esperjenza, il-kwalifiki u s-servizz daqs dawk li saru jew aktar minnhom il-promotion għall-grad ta' Quantity Surveyor ma ngħatatlux. Illi huwa konvint li saret ingustizzja miegħu minħabba t-twemmin politiku tiegħu.

Illi huwa kien bi ħsiebu jġib biex isostni l-ilment tiegħu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika għar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi ħsiebu jġib prova dwarhom bix-xhieda tiegħu.

Għaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jingħata rimedju billi jiġi ordnat illi ssir gustizzja miegħu u jingħata l-promozzjoni mid-data msemmija aktar 'l fuq filwaqt ukoll li jingħata kumpens minħabba t-transfers vendikattivi li ngħata jew inkella jekk dan ir-

rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 jew kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' l-intimat Chairman Malta Development Corporation li eccepixxa:

1. Illi l-ilmenti tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Dan stante li r-rikorrent ma garrab ebda ngustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li saret jew li nghatat bi hsara ghalih.

2. Illi kwantu ghall-ilment tar-rikorrent li ghal xi zmien wara l-elezzjoni ta' Mejju 1987 huwa kien gie sospiz mix-xoghol ghal xahar sakemm saru xi investigazzjonijiet dwar tender, dan mhuwiex ezatt il ghaliex mid-dokumentazzjoni li tirreferi ghall-kaz, jidher li r-rikorrent kien gie mitlub jiehu l-vacation leave pendenti l-ezitu ta' l-investigazzjoni (dokument immarkat bhala dok A). Lanqas huwa ezatt li r-rikorrent kien gie kompletament ezonerat minn din l-investigazzjoni l-ghaliex skond dak li kiteb ic-Chairman tal-MDC lir-rikorrent permezz ta' ittra datata 8 ta' Gunju 1989, (kopja ta' liema giet annessa u mmarkata bhala dok B) "the investigation …highlighted a number of actions and omissions by MDC employees which resulted increased expenditure. However no further disciplinary action will be taken against you with regard to the B43 expansion".

3. Illi kwantu ghall-ilment tar-rikorrent dwar is-sejha ghall-mili ta' postijiet fil-grad ta' Quantity Surveyor, ir-rikorrent isostni li l-Kummissjoni ghandha tinvestiga dan l-ilment a bazi tar-rapport ta' l-interviewing board li kien inhatar biex jaghmel l-ghazla liema rapport jinkludi wkoll resume' tal-kwalifiki ta' kull applikant (kopja ta' liema rapport giet annessa u mmarkata bhala dokument "C").

4. Illi ghandu jinghad ukoll li minkejja dak allegat mir-rikorrent dwar vendikazzjonijiet minhabba t-twemmin politiku tieghu ecc ir-rikorrent xorta wahda inghata b'effett mill-1 ta' Dicembru 1994 promozzjoni ghal grad ta' Executive (kopja ta' ittra datata 14 ta' Frar 1995 li giet annessa u mmarkata bhala dokument D).

5. Illi ghandu jinghad ukoll ghal kull buon fini li r-rikorrent inghata promozzjoni ghal Senior Executive b'effett mill-25 t'Awwissu 1997.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti il-Korporazzjoni intimata issottomettiet li t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat flimkien mad-dokumenti annessi.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn semma li l-ingustizzji li sofra matul is-snin li kien impjegat mal-Malta Development Corporation kienu:-

Wara Mejju tal-1987 hu u l-Perit L. Micallef gew mgieghla johorgu bil-leave minn taghhom wara li kienet ser issir inkjesta dwar it-tender tal-fabbrika B43- Bulebel. Kien permezz tal-intervent ta' Dr George Abela LL.D. u s-Sur Charles Cassar, Segretarju tal-STPSA tal-GWU biex huma regghu nghataw id-dritt li jidhlu lura ghax-xoghol. Sostna li f'din l-inkjesta, ic-Chairman is-Sur Michael Soler kien qabbad perit privat biex jiehu xogholhom u inghata l-inkarigu biex ikejjel ix-xoghol kollu li kien sar fil-gibjun hekk kif hemm indikat f'din l-istess tender imsemmija. Fil-fatt wara li spiccat l-inkjesta rrizulta li kollox kien sewwa skond ir-regoli u d-dokumenti ezistenti.

Wara xi zmien gie trasferit ghax-xoghol fit-Technical Division il-Floriana fejn il-kap ta' din it-taqsima kien is-Sur Chris Falzon. Ghamel sitt xhur gewwa t-Technical Division Floriana, fejn ma kien jinghata jaghmel xejn, u wara gie infurmat b'telefonata mill-Perit ME Galea li kien jokkupa l-kariga ta' Deputy Chairman biex

jibda jmur Ghawdex kuljum biex jaghmel xoghol ta' supervizjoni fuq bini ta' fabbrika gewwa x-Xewkija.

Wara xi tmien xhur li dam Ghawdex kien baghat ghalih il-General Manager, Dr Andre’ Camilleri, fejn kien ordnalu biex jumejn fil-gimgha jibda jirrapporta Hal-Far fejn kien qed isir xoghol b'urgenza fil-fabbrika AMS. Ix-xoghol f'din il-fabbrika kien ha madwar xaghrejn biex jitlesta. Wara rega’ intbaghat Ghawdex.

Wara gie trasferit fl-ufficcju tal-Local Manufacturers Promotion Board fuq xoghol li ma ghandu x'jaqsam xejn mal-professjoni tieghu kif ukoll l-anqas max-xoghol li dejjem ghamel ma' l-MDC.

Sostna li matul dan il-perjodu tilef hafna opportunitajiet ta' promozzjonijiet. Fil-fatt meta s-Sur Philip Rizzo nghata l-kariga ta' Chief Executive tal-Korporazzjoni, kienu nghataw madwar 34 promozzjoni kwazi wahda ghal kull min applika. Madankollu billi kien trasferit ma kienx eligibbli li japplika ghax skond Dr Andre’ Camilleri min kien trasferit ma kellux dritt li jigi kunsidrat ghall-promozzjoni.

Wara spicca go site office fil-qasam industrijali ta' Ricasoli.

Dwar il-promozzjoni ghall-Grad ta' Quantity Surveyor semma li kien l-uniku wiehed li baqa’ barra avolja kien hemm applikanti ohra li ma ghaddewx izda b'rakkomandazzjoni tas-Sur Frans Mifsud dawn xorta wahda naghtaw il-promozzjoni.

Kien oggezzjona ghall-karta ta' l-ezami ghax 50% tal-marki kienu relatati ma' drawing li ma jirrigwardawx ix-xoghol propju ta' Quantity Surveyor. Oggezzjona ukoll ghall-fatt li l-karta ta' l-ezami kienet giet ippreparata minn ufficjal tal-MDC (il-Perit D. Camilleri). Ghamel oggezzjoni dwar il-bord ta' l-ghazla. Oggezzjona wkoll ghall-intervista. Wara diversi ittri ta' rakkomandazzjoni mill-istess nies li kienu jiffurmaw il-bord ta' l-ghazla, fl-ahhar inghata l-promozzjoni fil-grad ta' Executive Quantity Surveyor fl-1 ta' Dicembru 1994.

Il-Perit Maurice Galea xehed li fl-1990 kien Manager in charge mid-Development fl-MDC. Dwar l-ezami ghal quantity surveyor ma kienx membru tal-bord. Semma li kien ra l-karta tal-ezami ghal quantity surveyor u fl-idea tieghu ma kenitx addatatta bizzejjed ghal quantity surveyors.

Zied jghid hekk: "Nghid li kien qed isir xoghol fuq estensjoni ta' fabbrika li kien jisimha De La Rue. L-estensjoni kienet qed issir fuq gibjun ezistenti f'din il-fabbrika. Nghid wara l-1987, wara l-bidla tal-Gvern ic-Chairman il-gdid tal-MDC kien qed jindaga xi ntefaq fir-rigward ta' din l-estensjoni tal-fabbrika. Kien instab li ghalkemm konna within the contract bhala spejjez u c-Chairman kien qed jahseb li sar hlas aktar milli sar xoghol, ghalkemm konna ghadna within the limit tal-kuntratt. Nghid li normalment mal-Gvern il-procedura meta jkun hemm access and variation jigi mitlub l-awtorita` mill-Finanzi qabel ma jitkompla x-xoghol, izda nghid li din rari ssir peress li normalment fil-prattika jitkompla x-xoghol imbaghad tintalab l-authorization wara. Nghid li c-

Chairman li kien qed jindaga kien qabad ma' dan il-punt li ahna ma tlabnix l-authorization mill-Finanzi ghal excess and variation qabel. Fil-fatt minhabba dan kien gie sospiz Edward Caruana kif ukoll il-Perit Ludovico Micallef. Jiena kont sirt naf wara li dawn it-tnejn kienu gew sospizi u kont tlajt nkellem lic-Chairman u ghidtlu li jiena kont responsabbli u ghidtlu biex jissospendi lili peress li jiena kont il-Kap responsabbli. Nghid li sa dak iz-zmien jiena kont Deputy General Manager u Head of Technical Division. Nghid li meta saret ir-reorganisation tas-section jiena kont responsabbli mill-bini ta' fabbriki f'Ghawdex kif ukoll xi fabbriki f'Malta fosthom l-SGS, l-AMS u xi fabbriki ohrajn. Nghid li peress li kont wahdi fis-section flimkien mas-segretarja kont tlabt ghall-ghajnuna. Kienu baghtuli lis-Sur Edward Caruana u kienu qaluli bil-fatt li huwa ma jaghmilx xoghol ta' quantity surveyor u jaghmel biss xoghol ta' supervision. Nghid li xoghol is-Sur Caruana kien ta' quantity surveyor. Jiena ma nghatajtx raguni ghalfejn qaluli lis-Sur Caruana ma kellux jaghmel xoghol ta' quantity surveyor izda xoghol ta' supervision."

In kontro-ezami semma li dwar l-ezami ta' quantity surveyor li minn quantity surveyor aktar isir xoghol ta' planning milli sketches ta' pjanta.

Dr Mario Vella xehed li fl-1987 kellu l-kariga ta' Head 1. Bejn l-1987 u l-1989 hu u r-rikorrent ma kienux ghadhom jahdmu flimkien izda ghall-habta ta' Novembru 1989 kienet twaqqfet l-ligi dwar il-Local Manufacturers Promotion Board u s-Sur Caruana u hu kienu ltaqghu ghal habta ta' Novembru 1989 f'45 South Street,

fejn kien il-Local Manufacturers Promotion Board. Ix-xoghol li kellhom hemmhekk fil-Local Manufacturer Promotion Board ma kellux x'jaqsam max-xoghol tekniku li r-rikorrent kien jaghmel qabel. Fil-fatt quantity surveyor m'ghandux x'jaqsam ma' xoghol ta' posting, bini ecc. South Street ma kienx f'post daqshekk addattat biex isir xoghol li kellu jsir. Ir-rikorrent dam mieghu minn Novembru 1989 sa l-1992 jew 1993.

Mary Cauchi Personnel Manager tal-MDC xehdet li ghall-habta ta' Settembru 1990 kienet harget l-internal call for applications ghal quantity surveyor. Fis-sejha ghall-applikazzjoni kien hemm imnizzel li kien hemm bhala rekwizit li l-applikanti ghandhom ikollhom esperjenza ta' quantity surveyor, u li l-applikanti jridu joqghodu ghall-ezami. Dan l-ezami fil-fatt kien sar, resqu ghal dan l-ezami 5 kandidati u hargu r-rizultati. Wara li hargu r-rizultati r-rikorrent kien fil-fatt ghamel ilment bil-miktub li kopja tieghu giet prezentata. Ir-rikorrent rega' ghamel ilment iehor, bil-miktub wara dan, datat 29 ta' Novembru 1990. Aktar 'l quddiem kien hemm internal call for applications ohra fin-1994 u r-rikorrent kien applika ghaliha. U fil-fatt ir-rikorrent kien ha l-promozzjoni ta' technical executive b'effett mill-1 ta' Dicembru 1994.

Charles Vella u r-rikorrent it-tnejn li huma jhaddnu politika tal-Partit Laburista. U anke fir-rigward ta' l-ohrajn il-hamsa li huma ghamlu l-ezami fl-1990 kellhom l-istess twemmin politiku.

Frans Mifsud Senior Technical Advisor fl-Estates Division xehed li fl-1987 kien jahdem fl-ufficju ta' South Street, Valletta u dan

kien fil-Local Manufacturing Promotions Board. Fl-1990 kien reggha lura l-MDC in charge mit-Technical Division dak iz-zmien kienet inqalet il-htiega ghal Quantity Surveyors u hu biex jimxi bl-aktar mod gust iddecieda li jsir ezami ghal dan. Dak iz-zmien kien hemm tlett vakanzi ta' Quantity Surveyors u kien hemm tlett periti li kienu ser jigu allokati tlett quantity surveyors ghal maghhom u iddecida li l-aktar mod gust biex jintghazlu dawn it-tlieta peress li kien hemm kandidati aktar minn vakanzi kien li jsir ezami. Kien qabbad perit biex jassetta l-kwistjonarju ghal karta ta' l-ezami kien hemm ukoll appuntati persuni fil-bord ta' l-ghazla biex jaghmlu l-interviews lil kandidati, u anki biex jikkoregu l-karti ta' l-ezami. Fil-fatt kienu ntghazlu t-tliet persuni li ovvjament kienu marru l-ahjar f'din il-karta ta' l-ezami kif ukoll fl-interview kif ukoll li kellhom l-aktar kwalifiki.

Sostna li l-allegazzjonijiet tar-rikorrent mhux minnhom ghax jekk tara l-persentagg ta' importanza li kienet inghatat lis-sezzjoni tad-drawing kienet minima madwar xi 16%. Dwar l-allegazzjoni tar-rikorrent li ma ntghazilx minhabba l-kulur politiku tieghu qal li t-tlieta li ntghazlu ghal quantity surveyors kif ukoll ir-rikorrent ghandhom l-istess kulur politiku. Dwar ir-raba' persuna Charles Vella dan kien gie border line case ghalhekk kien ghamel rakkomandazzjoni fir-rigward ta' dan Charles Vella biex jekk tinqala' vakanza ikun jista' jimla l-vakanza huwa peress li propju kien border line case. Vella kien sar xi sena jew sena u nofs wara.

Michael Soler li kien chairman tal-MDC minn Gunju 1987 sa Gunju 1990 ftakar li kien hemm investigazzjoni ghaddejja. Kien

hemm fabbrika Bulebel B 43 u li kien hemm extension f'din il-fabbrika ta' Bulebel imbaghad kien hemm xi discrepancies fl-accounts u ghalhekk kienet saret investigazzjoni. Dwar il-fabbrika A58, fil-Marsa semma li kien ordna li ssir investigazzjoni u nstab li fil-fatt fil-kostruzzjoni kien hemm xibka wahda minflok erba' u kienu ttiehdu passi kontra l-kuntrattur. Fir-rigward ta' din it-tieni investigazzjoni, ma ftakarx ghalfejn giet irtirata. Semma li l-policy ta' l-MDC dejjem kienet li l-impjegati kollha jkunu produttivi u meta tmur lura fiz-zmien li qed jissemma hawnhekk dak iz-zmien li s-sitwazzjoni li kien hemm l-MDC kien hemm numru ta' impjegati li ma kienx hemm xoghol bizzejjed ghalihom, izda li kien qed isir kien li kien qed jipprova jigi inventat xoghol ghal dawn in-nies. Kien qed jigi kkrejat xoghol. Nghid li dan kien proprju peress li kien hemm il fuq minn mitt ruh li ddahhlu qabel l-elezzjoni tan-1987. U kienu proprju dan in-numru kbir ta' nies, li ma kienx hemm bizzejjed xoghol ghalihom.

<u>Dr. Andre` Camilleri</u> li fl-1987 kien legal advisor, xi sena wara kien project manager, dan kien sa Lulju tan-1989, meta mbaghad kien General Manager u dam f'din il-kariga sa meta rrizenja f'Dicembru 1993 xehed li kienet bdiet issir investigazzjoni u jsir kejl kemm ghandhom jithallsu l-kuntratturi. Ftakar li l-mizuri li kienu ttiehdu fil-konfront tal-perit jew fil-konfront ta' Edward Caruana r-rikorrent, kienu differenti. Fl-outcome finali, ir-responsabbilita` proprjament kienet taqa' l-aktar fuq il-perit milli fuq Edward Caruana r-rikorrent li kien ovvjament jirraporta l-istruttura lill-Perit. Ftakar li relatat ma' dan l-incident hemm xi struzzjoni li r-rikorrent is-Sur Caruana ix-xoghol li kien jaghmel

precedentament kien ta' quantity surveying, ma jibqax jaghmlu. Semma t-twaqqif tal-Local Manufactures Promotions Bord u li 22 persuna kellhom jibdew jahdmu hemm. Zied li l-bini f'South Street ma kienx addattat ghax-xoghol u fil-fatt kien hemm diversi complaints u lanjanzi fir-rigward ta' dan il-bini, kien hemm anke artikli fil-gazzetti, miktuba minn Mario Vella, wiehed minnhom kien minn Mario Vella, fir-rigward tas-sitwazzjoni ta' dan il-bini.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrent fih zewg aspetti li jridu jigu ezaminati – trasferimenti u nuqqas ta' promozzjoni.

Dwar it-trasferimenti rrizulta li r-rikorrent spicca trasferit ghat-Technical Division wara l-Elezzjoni tal-1987, ma nghatax xoghol ghal zmien, wara sitt xhur spicca Ghawdex, wara tmien xhur spicca Hal Far darbtejn fil-gimgha, f'Novembru, 1989 spicca fl-ufficcji ta' South Street post proverbjali bhala mhux tajjeb biex tahdem fih u inghata xoghol mhux linja tieghu, fl-1993 spicca f'site office ir-Ricasoli, ghamel zmien mhux assenjat xoghol.

Fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghataw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan

ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli.  Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk.  Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Dwar it-trasferimenti l-Korporazzjoni konvenuta baqghet ma tat ebda raguni valida u ghalhekk jichad l-eccezzjoni tal-istess Korporazzjoni, u peress li t-talba tar-rikorrent tidher gustifikata jilqaghha.

Dwar it-talba ghall-promozzjoni din tidher differenti.  Ir-rikorrent jidher li spiss ihobb jilmenta zzejjed u mix-xhieda hawn fuq riportata dan johrog car minn kemm ilmenta minn affarijiet.  Veru li ma jidhirx li l-karta tal-ezami kienet perfetta izda r-rikorrent ilmenta dwar kull aspett tal-ezami bil-miktub u mill-interview.  Huwa veru li ghal raguni li ma toghgob xejn lit-Tribunal is-seniority giet mormija mit-tieqa.  Dawn huma normalment mizuri li wiehed jippretendi li jsib skuza tal-efficjenza u personalita` izda l-verita` tkun li jrid jahtar lil min irid.  Seniority hija certament wiehed mill-aspetti li ghandu jigi kunsidrat u mhux mormi.  Izda hawn diversi aspetti ohra li jridu jigu ezaminati hawn.  Irrizulta li r-rikorrent ma tantx mar tajjeb fl-iskritt.  Ghall-interview flok ma mar preparat mar jargumenta.  Ma rrizultax li r-rikorrent kien aktar kwalifikat mill-applikanti l-ohra.  Ma jidhirx li l-motivi tad-decizjoni li r-rikorrent ma jghaddix kienet wahda politika ghax l-

applikanti l-ohra kellhom l-istess inklinazzjonijiet politici. Irrizulta wkoll li r-rikorrent ha l-promozzjoni f'Dicembru 1994 u cioe' matul l-istess Gvern. Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni intimata dwar it-talba tar-rikorrent fuq il-promozzjoni.

Dwar it-talba fuq it-trasferimenti peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn lira [LM2000].

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.